

Brussell, 4 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

13994/24

ENER 474
COMPET 981
CLIMA 332

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Diverġenza fil-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa - Skambju ta' fehmiet

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness in-nota ta' spjegazzjoni tal-Presidenza dwar id-diverġenza fil-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa bil-ksieb tal-Kunsill TTE (Enerġija) tal-15 ta' Ottubru 2024.

Diverġenza fil-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa**Kuntest u ħarsa ġenerali**

F'dawn l-aħħar xhur, l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u tax-Xlokk iffaċċjaw prezzijiet għoljin tal-elettriku, b'żidiet qawwija fil-prezzijiet matul il-ħinijiet l-aktar intensivi, b'mod partikolari filgħaxija. Dawn il-prezzijiet, li f'xi każijiet qabżu l-EUR 400/MWh matul Lulju u Awwissu 2024, affettwaw b'mod sproporzjonat lir-reġjun tax-Xlokk tal-Ewropa, u poġġew pressjoni sinifikanti fuq l-ekonomiji u l-kompetittività tagħhom.

L-Istati Membri fir-reġjun intlaqtu b'mod partikolari, u dan wassal għal kwistjonijiet ta' kompetittività, u minħabba f'hekk qed jitolbu azzjoni koordinata tal-UE biex jiġu stabbilizzati l-prezzijiet u tittejjeb is-sigurtà tal-enerġija fir-reġjun.

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri affettwati, qed teżamina l-ixprunaturi u l-fatturi possibbli li setgħu wasslu għal din is-sitwazzjoni, inkluż id-domanda għolja għall-elettriku matul mewġa ta' sħana, jew xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-grilja ta' trażmissjoni u f'diversi impjanti tal-enerġija. L-infrastrutturi transfruntieri inadegwati jfixklu wkoll id-distribuzzjoni effiċjenti tal-elettriku bejn xi reġjuni, speċjalment matul il-ħinijiet ta' karga massima, u dan iwassal għal żieda fil-prezzijiet u joħloq ineffiċjenzi tas-suq. Barra minn hekk, ir-reġjun tax-Xlokk tal-Ewropa mhuwix integrat bis-siġħ mas-suq akbar tal-elettriku tal-UE, li jista' jwassal ukoll għal differenzi sinifikanti fil-prezzijiet u jfixkel it-trasferiment bla xkiel tal-enerġija żjeda minn żoni oħra.

Fl-istess ħin, ir-reġjun qed jesperjenza sfidi relatati mal-ġestjoni tal-enerġija rinnovabbli varjabbli minħabba disponibbiltà insuffiċjenti ta' ħżin jew soluzzjonijiet oħra ta' flessibbiltà. Pereżempju, it-tnaqqis fl-enerġija idroelettrika minħabba l-kundizzjonijiet ta' nixfa għamel lil xi Stati Membri aktar dipendenti fuq l-impjanti tal-enerġija tal-faħam u tal-gass, li wassal għal żieda fil-kostijiet.

Dawn iż-żidiet qawwija fis-suq tal-elettriku bl-ingrossa — b'mod partikolari fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk — jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati miżuri mmirati li jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tiġħ tas-suq tal-elettriku, is-sigurtà tal-enerġija u l-istabbiltà fir-reġjun u fl-Unjoni b'mod aktar ġenerali.

Miżuri meħtieġa

Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, għandu jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq madwar l-UE, tiġi ġestita aħjar il-varjabbiltà tal-enerġija rinnovabbli u l-provvista tiġi allinjata b'mod aktar effettiv mad-domanda, huma meħtieġa investimenti sostanzjali fl-interkonnnessjonijiet u l-flessibbiltà (rispons għad-domanda, kapaċità ta' ħżin, eċċ.), lil hinn minn aktar investimenti fl-infrastruttura, filwaqt li jippermettu wkoll adattamenti mmirati u mekkaniżmi ta' solidarjetà li jappoġġaw lill-Istati Membri. Fl-istess ħin, jistgħu jkunu meħtieġa miżuri għal żmien qasir biex jiġu evitati perjodi ta' prezzijiet għoljin matul il-perjodu tax-xitwa. Huwa importanti li jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet nazzjonali jikkunsidraw ukoll impatti reġjonali usa'. Koordinazzjoni msaħħa fost it-TSOs u koordinazzjoni għall-ippjanar tal-infrastruttura huma kruċjali biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tar-reġjun u biex jiġu stabbilizzati l-prezzijiet.

Mistoqsijiet ta' Gwida għad-diskussjoni

1. X'passi addizzjonali jistgħu jittieħdu biex tiżdied il-kapaċità fiżika transfruntiera, sabiex jittejjeb il-kummerċ bejn reġjuni differenti tal-Unjoni Ewropea?
2. Hemm bżonn li tissaħħaħ il-koordinazzjoni biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet fil-livell tal-pajjiżi jqisu l-impatt reġjonali usa' tagħhom?
3. X'passi fuq terminu qasir u twil huma meħtieġa fir-reġjun u fis-suq intern tal-enerġija b'mod aktar ġenerali biex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni tal-flessibbiltà, tittejjeb l-effiċjenza tal-flussi transfruntiera u jtejjeb t-trasparenza u l-aċċessibbiltà tad-data dwar l-elettriku?